**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**IR-REPUBBLIKA TA’ MALTA**

**vs**

**Gareth Fava**

(detentur tal-karta tal-identità bin-numru 438998M)

**Illum, 24 ta’ Ġunju 2024**

Kawża Nru. 4969/2024

**Il-Qorti,**

Rat li Gareth Fava ta’ ħamsa u għoxrin (25) sena, b’missier mhux magħruf u Doris Chlach xebba Fava, imwieled il-Pieta’ nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta’ Novembru tas-sena elf, disa’ mija, tmienja u disgħin (1998) u residenti 8, Fuq Verdala, Bormla u detentur tal-karta tal-identita’ numru 438998M, tressaq taħt arrest u f’isem ir-Repubblika ta' Malta, u ġie akkużat talli nhar id-dsatax (19) ta’ Ġunju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa l-Belt Valletta u / jew fi bnadi oħra f’dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' żarbun tad-ditta Nike u / jew oġġetti oħra għad-dannu ta' Ivan John Zammit u / jew ta' xi persuna/i oħra u / jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra u liema serq huwa kkwalifikat bil-lok;
   *Artikoli 261(e), 269(g) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

2. Kiser Ordni ta' Probation li ngħatat nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello;

3. Naqas milli jħares waħda jew iżjed mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Ian Farrugia fid-digriet datat sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) u / jew kif sussegwentament ġie emendat li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija;
   *Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

4. Naqas milli jħares waħda jew iżjed mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Astrid May Grima fid-digriet datat tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) u/jew kif sussegwentament ġie emendat li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija;
   *Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tqis lill-imputat Gilmour Lucas Bartolo bħala li sar reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien instab ħati ta' sentenza mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

F'każ ta' ħtija għal reat jew reati hawn fuq imsemmija, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija għal reat jew reati hawn fuq imsemmija, il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi;

F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija (skont kif indikat fit-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni) jkunu ikkonfiskati fl-intier tagħhom jew f'parti minnhom favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat u tordna li l-ħati jiġi arrestat mil-ġdid;

Għaldaqstant, filwaqt li l-prosekuzzjoni eżebiet estratt mill-att tat-twelid u l-fedina penali tal-imsemmi Gareth Fava, talbu li dan il-każ jiġi pproċessat skont il-liġi.

Rat li llum stess wara li l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma bil-ġurament l-akkużi kontra tiegħu, l-akkużat ammetta l-akkużi.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-akkużat, l-Qorti spjegat il-portata ta' l-ammissjoni, kif ukoll l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-akkużat sabiex jerġa jikkonsulta mal-Avukat tiegħu, u tatu wkoll żmien biex jerġa jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu, u meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-akkużat jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, huwa ikkonferma l-ammissjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali redatta ai termini tal artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn l-Avukat Ġenerali ta' l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja. Rat ukoll illi waqt is-seduta tal-lum l-akkużat ukoll ta l-kunsens tiegħu.

Rat in-nota tal-prosekuzzjoni li biha esebiet sentenza u żewġ digrieti b' kundizzjonijiet dwar benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest.

Rat l-atti proċesswali kollha.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat Gareth Fava ħati ta' l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu.

Il-Qorti qieset il-fatt li l-prosekuzzjoni qed tinsisti dwar piena karċerarja. Qieset ukoll il-fatt li l-ħati kkopera mal-pulizija. Tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, u l'fatt li l-Qorti ma tqisx li l-imputat jista jiġi fdat, fis-sens li l-Qorti ma tqisx li huwa jista jagħti l-garanziji li huwa kapaċi joqgħod u jissodisfa l-kundizzjonijiet dwar il-ħelsien mill-arrest, il-Qorti se tkun qed teroga piena karċerarja minkejja li l-oġġett misruq huwa ta' valur żgħir, u dan ġie rkuprat. Pero' filwaqt li se tkun qed tordna l-konfiska favur il-gvern ta' parti mil-garanziji depożitati, mhix tal-fehma li għandha tordna l-arrest mil-ġdid tal-ħati fil-proċeduri msemmija hawn fuq fejn huwa kien ingħata l-ħelsien mill-arrest.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi fuq ammissjoni tal-imputat, wara li rat l-Artikoli 261(e), 269(g), 281(a), u 579(2)  tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-Gareth Fava, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 438998M ħati tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' tnax (12) il-xahar priġunerija.

In oltre fuq ammissjoni tal-imputat, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tat-tieni (2) akkuża, u ċioé li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation tad-29 ta' Mejju 2024 magħmula mill-Qorti

tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, preseduta mil-Onor. Maġistrat Dr Rachel Montebello, u qed tittratta miegħu għall-akkużi li dwarhom hu kien tpoġġa taħt tali ordni daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti għal dawk l-akkużi, u filwaqt li tikkonferma l-ħtija fir-rigward ta' dawk l-akkużi, tirrevoka l-ordni ta' probation magħmula bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-artikoli 17, 325(1)(d) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imsemmi Gareth Fava, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 438998M għal perjodu ulterjuri ta' sitt (6) xhur priġunerija.

Inoltre` ai termini tal-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li parti mis-somma fl-ammont ta' mitt Ewro (€100) mogħtija bħala garanzija hekk kif ordnat bid-digriet tas-27 ta' Settembru 2021 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Onor. Maġistrat Dr. Ian Farrugia, kif ukoll li parti mis-somma fl-ammont ta' mitt Ewro (€100) mogħtija bħala garanzija hekk kif ordnat bid-digriet tas-23 ta' Novembru 2023, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Onor. Maġistrat Dr. Astrid May Grima, jiġu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta. Il-Qorti ma tqisx li fiċ-ċirkostanzi għandha tordna r-revoka tal-ħelsien mill-arrest, u l-arrest tal-ħati mil-ġdid fir-rigward tad-digrieti hawn fuq imsemmija.

Il-Qorti tordna l-komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali bil-għan li din tiġi nserieta permezz ta' nota fl-atti tal-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (spettur Eman Hayman) vs Gareth Chlech presjeduta mill-Onor. Maġistrat Dr. Ian Farrugia, kif ukoll fl-atti tal-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Gareth Fava preseduta mill-Onor. Maġistrat Dr. Astrid May Grima.

Inoltre stante li l-Qorti rriżultala li l-imputat huwa maħkum mill-vizzju tal-abbuż mid-droga u possibilment vizzjijiet oħra, il-Qorti qiegħda tagħmel ukoll ordni ta' trattament għal perjodu ta' sena u nofs u dan sabiex l-imputat jagħraf joħroġ mill-vizzju tal-abbuż mid-droga u/jew vizzjijiet oħra, u dan skont id-digriet li qed jiġi anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kontemplata abbażi tal-artikolu 15A, 382, 383, 384, 385, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li m'hemmx lok ta' ħlas ta' danni jew ordni ta' protezzjoni, u mill-atti proċesswali ma jirriżultax li nħatru xi esperti jew periti.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tiġi komunikati minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jiġi assenjat Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------